FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)\

ILLUM 1 TA' FRAR 20i7

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

Vs

Neville Mario Rizzo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita numru 37979M talli:

1. f'Tas-Sliema, fit-08 ta' Lulju 2008, ikkommetta serq ta' flus kontanti, gojjellerija u diversi oggetti ohra ( valur totali ta' madwar €11,571) mill-fond appartament numru 1, 'Azure', Milner Grove, sitwat fi Triq Ghar id-Dud, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2330 u bil-lok u li sehh ghad-detriment ta' Alex u Claudia Gollcher;
2. f'Tas-Sliema, fil-perjodu ta' bejn is-17 u id-19 ta' Awissu 2008, bil-lejl, ikkommetta serq ta' plasma television (valur ta' €1348) mill-fond numru 204, Penthouse numru 8, sitwat fi Triq it-Torri, Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi s-sommata'€233 izda inqas minn €2330, bil-lok u bil-hin u li sehh ghad-detriment ta' Christian Vassallou/jew persuni ohra;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-Avukat Generali qieghed jixli l-imputat b' zewg serqiet, wahda aggravata bil-mezz, valur (il'fuq minn €2330) u lok, li grat fit-8 ta' Lulju 2008 mill-appartament numru 1 bl-isem 'Azure' gewwa 'Milner Grove' fi Triq Ghar id-Dud, Sliema, u l-ohra, li saret fl-istess xahar ta' Awissu tal-istess sena mill-appartament numru 8 (ossija 'penthouse') f-korp ta' appartamenti bin-numru 224 gewwa Triq it-Torri, Sliema, aggravata bil-mezz, valur (taht 'l-€2330), lok u hin.

Fil-kors tal-proceduri xehdu d-derubati u ikkonfermaw is-serq mir-rispettivi proprjetajiet taghhom . Ghal dak koncernanti is-serq tal-appartament ta' Triq Ghar-id-Dud xehed Alex Gollcher (foil 122) li stqarr li l-valur tas-serqa kien fl-ammont ta' circa €11,000 konsistenti f'lista li tinsab esebita fl-inkjesta folio 57 et seq tal-atti. Fir-rigward is-serqa l-ohra xehed sid l-appartament Christian Vassallo li stqar li in kwantu ta' propjeta tieghu nsteraq television li kien xtrah ftit xhur qabel ghall-prezz ta'€1100. L-aggravji fiz-zewg serqiet in kwistjoni wkoll jirrisultaw pruvati.

Intant, l-unika prova kontra l-imputat tikkonsisti fix-xhieda ta' certu Christopher Micallef li jopera hanut tat-tyres il-Marsa li stqarr li lill l-imputat kien jafu billi gieli mar isewwi xi tyre ghandu u kien skjett dwar li minghand l-imputat kien gie offrut u xtara televisjoni plasma u kamera tar-ritratti. Qal li l-Pulizija kienet marret ghandu f'Settembru 2008 u zied jghid li l-kamera tar-ritratti kien xtraha f'Awissu ta' dik l-istess sena. Ikkonferma u gharaf l-oggetti muri ritratti esebiti folio 42 in atti. U kuntrarjament ghal dak li sostniet id-difiza l-Qorti mhi qeghdha tinnota ebda kontradizzjoni bejn iz-zewg darbiet li xehed ix-xhud, riportata ix-xhieda tieghu a folio 40 u 46.

Fil-kuntest ta' din ix-xhieda li l-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex mis-sewwa, fuq kollox baqghet imkien kontradetta. Il-Qorti tista' ghalhekk tasal ghal konkluzjoni l-halliel kien hadd iehor hlief l-imputat skond id-duttrina tar-'recent possession of stolen property'.

Ghaldaqstant, qeghdha issib l-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti. Rat l-Artikolu 261(b)(c)(e)(f),263(a), 264,265,266,267,269(g),270,278(3),279(a)(b),280(2) tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat